**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 205/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**(Spettur Christina Delia)**
**(Spettur Matthew Grech)**

**Vs**

**Nathaniel Vella**

**Illum 16 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Nathaniel Vella ta' disgħa u għoxrin (29) sena, iben Joseph u Marthese neè Vella, imwieled il-Pietà fit-3 ta' April 1991, residenti ġewwa Flat 8, Vella Court, No.5, Triq il-Karmnu, San Pawl il-Baħar u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 193391(M), talli b'diversi atti magħmulin minnu li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Fix-xhur ta' Frar u Marzu 2021, minn ġewwa Pit Stop Car Wash sitwat fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, ikkommetta serq ta' flus kontanti għad-dannu ta' Claudine Schembri u Josepha Juntripp u persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 263 u 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Kif ukoll talli fl-istess perjodi, lok, ħinijiet u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli għad-detriment ta' Claudine Schembri u Josepha Juntripp u persuni oħra, bi ksur ta' l-Artikolu 18 u 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Ukoll talli fix-xhur ta' Frar u Marzu 2021, minn ġewwa Fuel Hub Station sitwat fi Triq Birkirkara, San Ġiljan, ikkommetta serq ta' flus kontanti għad-dannu ta' Emanuel Falzon, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin, bi ksur ta' l-Artikoli 18, 263 u 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Kif ukoll talli fl-istess perijodi, lok, ħinijiet u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli għad-detriment ta' Emanuel Falzon, bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Ukoll talli nhar il-15 ta' Marzu 2021, minn ġewwa Fuel Hub Station sitwat fi Triq Birkirkara, San Ġiljan, bil-ħsieb li jikkommetti d-delitt ta' serq aggravat wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għal esekuzzjoni tad-delitt, fejn tali delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu bi ksur ta' l-Artikoli 41, 263 u 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Ukoll talli fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Marzu 2021, fi Triq il-Fortizza, Mosta, ikkommetta serq ta' fuel minn ġewwa żewġ vetturi, għad-dannu ta' Brian Fenech, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bi ksur ta' l-Artikoli 270 u 271(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Ukoll talli bejn ix-xhur ta' Lulju u Diċembru 2020, min ġewwa garaxx li jagħmel parti minn Vella Court, fi Triq il-Karmnu, San Pawl il-Baħar, b'diversi atti magħmula minnu li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta serq ta' cheques ta' l-HSBC għad-detriment ta' Giovanni Vella, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-ħin, bi ksur ta' l-Artikoli 18, 269(g) u 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Ukoll talli matul ix-xahar ta' Lulju 2020 u fix-xhur ta' wara, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmula minnu li jiksru l-istess dipożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, wettaq frodi b'egħmil qarrieqi billi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, biex jagħmel qligħ għalih jew għal persuni oħra, b'valur li jeċċedi l-ħamest elef euro (€5,000) għad-dannu ta' terzi bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. U aktar talli fl-istess dati, positjiet, ħinijiet u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi b'dawn l-atti jew skritturi wara li ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw bi ksur ta' l-Artikoli 18, 183 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement għamel użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza bi ksur ta' l-Artikoli 18, 184 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "GS1" sa' Dok. "GS4" a fol. 7 sa' 11 tal-proċess;

Rat li l-imputat wieħeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

[1] Fol. 18 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Godwin Scerri[2], Layden-Jake Barbara[3], Brian Fenech[4], Dr. Moses Camilleri[5] u ta' l-Ispettur Christina Delia[6], ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' April 2021, rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Godwin Scerri markati Dok. "GSX1" sa' Dok. "GSX10" a fol. 25 sa' 61 tal-proċess, id-dokument esebit minn Dr. Moses Camilleri markat Dok. "MB" a fol. 88 tal-proċess u CD b'filmat mis-sistema ta' CCTV Cameras ta' RS2 ġewwa Triq il-Fortizza, Malta, relattivament għas-serqa mwettqa a dannu ta' Brian Fenech, ippreżentat mill-Ispettur Christina Delia u mmarkat Dok. "CD1" a fol. 90 tal-proċess

Rat illi John Vella għażel li ma jixhidx fil-konfront ta' l-imputat in kwantu dan jiġi in-neputi tiegħu[7];

Rat li waqt is-seduta tad-19 ta' April 2021, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu[8], liema ammissjoni ġiet imtennija mill-imputat waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021 u dana wara li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, spjegatlu bl-iktar mod solenni l-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu;

Rat li in segwitu għal talba tad-Difiża, b'Digriet mogħti fid-19 ta' April 2021 ġie ordnat li jitħejja *pre-sentencing report* fil-konfront ta' l-imputat[9];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Ġunju 2021[10] u rat il-*pre-sentencing report* imħejji mill-imsemmi Uffiċjal tal-Probation fir-rigward ta' l-imputat markat Dok. "MFS" a fol. 120 sa' 142 tal-proċess;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) fix-xhur ta' Frar u Marzu 2021, minn ġewwa Pit Stop Car Wash sitwat fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, ikkommetta serq ta' flus kontanti għad-dannu ta' Claudine Schembri u Josepha Juntripp u persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 263 u 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) kif ukoll talli fl-istess perijodi, lok, ħinijiet u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew

[2] Fol. 19 sa' 24 tal-proċess.
[3] Fol. 63 sa' 69 tal-proċess.
[4] Fol. 69 sa' 80 tal-proċess u fol. 91 sa' 97 tal-proċess.
[5] Fol. 82 sa' 87 tal-proċess.
[6] Fol. 89 tal-proċess.
[7] Fol. 62 tal-proċess.
[8] Fol. 105 tal-proċess.
[9] *Ibid.*
[10] Fol. 118 u 119 tal-proċess.

għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli għad-detriment ta' Claudine Schembri u Josepha Juntripp u persuni oħra, bi ksur ta' l-Artikolu 18 u 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) ukoll talli fix-xhur ta' Frar u Marzu 2021, minn ġewwa Fuel Hub Station sitwat fi Triq Birkirkara, San Ġiljan, ikkommetta serq ta' flus kontanti għad-dannu ta' Emanuel Falzon, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin, bi ksur ta' l-Artikoli 18, 263 u 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) kif ukoll talli fl-istess perijodi, lok, ħinijiet u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli għad-detriment ta' Emanuel Falzon, bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) ukoll talli nhar il-15 ta' Marzu 2021, minn ġewwa Fuel Hub Station sitwat fi Triq Birkirkara, San Ġiljan, bil-ħsieb li jikkommetti d-delitt ta' serq aggravat wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għal esekuzzjoni tad-delitt, fejn tali delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu bi ksur ta' l-Artikoli 41, 263 u 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (6) ukoll talli fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Marzu 2021, fi Triq il-Fortizza, Mosta, ikkommetta serq ta' fuel minn ġewwa żewġ vetturi, għad-dannu ta' Brian Fenech, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bi ksur ta' l-Artikoli 270 u 271(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (7) ukoll talli bejn ix-xhur ta' Lulju u Diċembru 2020, min ġewwa garaxx li jagħmel parti minn Vella Court, fi Triq il-Karmnu, San Pawl il-Baħar, b'diversi atti magħmula minnu li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta serq ta' cheques ta' l-HSBC għad-detriment ta' Giovanni Vella, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-ħin, bi ksur ta' l-Artikoli 18, 269(g) u 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (8) ukoll talli matul ix-xahar ta' Lulju 2020 u fix-xhur ta' wara, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmula minnu li jiksru l-istess dipożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, wettaq frodi b'egħmil qarrieqi billi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, biex jagħmel qligħ għalih jew għal persuni oħra, b'valur li jeċċedi l-ħamest elef euro (€5,000) għad-dannu ta' terzi bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (9) aktar talli fl-istess dati, positjiet, ħinijiet u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi b'dawn l-atti jew skritturi wara li ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw bi ksur ta' l-Artikoli 18, 183 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (10) u aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement għamel użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza bi ksur ta' l-Artikoli 18, 184 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm inizjalment l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, fis-seduta tad-19 ta' April 2021 huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, u anke fid-dawl tal-provi li ġew prodotti sa' l-istadju ta' l-ammissjoni, senjatament ix-xhieda ta' l-Ispettur Godwin Scerri, ta'

Layden-Jake Barbara, Brian Fenech u anke ta' l-Ispettur Christina Delia, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat dak osservat mill-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler fil-*pre-sentencing report* imħejji minnu - Dok. "MFS" a fol. 120 sa' 142 tal-proċess - senjatament dak minnu osservat fil-konklużjonijiet tar-rapport:

**Fatturi identifikati:** *Nathaniel Vella huwa akkużat talli bejn Frar u Marzu 2021 ikkommetta serq minn żewġ pompi tal-petrol filwaqt illi għamel ħsara volontarja fuq l-istess tagħmir ta' dawn il-pompi. Fl-istess żmien, Vella huwa akkużat ukoll illi seraq il-fuel minn żewġ vetturi u li bejn Lulju 2020 u Diċembru 2020 ikkommetta serq ta' cheques illi bihom huwa wettaq frodi għad-dannu ta' nannuh Giovanni Vella. Jirriżulta mill-intervisti li saru illi l-imputat ingħata trobbija tajba u li għandu relazzjoni tajba mal-ġenituri. Huwa jinsab grat illi huma dejjem tawh is-sotenn neċessarju anki fiż-żmien meta huwa kien jabbuża mid-droga u kien il-ħabs taħt arrest. Vella llum iħossu fdat mill-familja u li bi ħsiebu jaħdem sabiex ikompli jirbaħ il-fiduċja ta' kulħadd. F'intervista li saret mal-ġenituri ta' Nathaniel Vella nhar il-25 ta' Mejju 2021, jirriżulta illi l-imputat kellu trobbija tajba u li huma kienu dejjem preżenti f'ħajtu. Marthese u Joseph Vella isostnu illi huma jibqgħu ta' sostenn għal binhom u li qegħdin jagħmlulu kuraġġ sabiex huwa jibqa' miexi fit-triq it-tajba. Vella għandu iben ta' 6 snin minn relazzjoni tal-passat u għalkemm m'għadux f'relazzjoni m'omm it-tifel huwa xorta għandu l-possibilità illi jiltaqa' miegħu kull meta jixtieq. L-imputat beda jabbuża mid-droga madwar tliet snin ilu. Dan wara illi spiċċat ir-relazzjoni ma' l-ex-sieħba tiegħu. Minkejja illi Vella qatt ma kien motivat illi jaħdem bis-serjetà sabiex jegħleb il-vizzju, huwa jgħid illi filwaqt illi kien taħt arrest il-ħabs irnexxielu jaqta' l-mistura u jibqa' clean. Rekords tal-Caritas juru illi Nathaniel Vella jinsab f'kuntatt ma' l-aġenzija tagħhom. Test ta' l-urina li sar fil-konfront tiegħu ġewwa d-Dipartiment tal-Probation u Parole nhar it-18 ta' Mejju rriżulta fil-pożittiv għall-kannabis. Huwa ammetta, wara li sarlu t-test, illi xi kultant jagħmel użu sporadiku mis-sustanza imsemmija. Mistoqsi dwar ir-raġunijiet illi wassluh jiftaħ il-każ odjern, Vella jgħid illi dak iż-żmien huwa kien dipendenti fuq id-droga u seraq sabiex isostni l-vizzju. Vella jgħid illi huwa ħallas lill-vittmi ta' l-ammonti misruqa u li ħafrulu. L-attitudini ta' Vella kienet waħda ta' rimors lejn l-azzjonijiet tiegħu u l-vittmi. Il-fedina penali ta' Nathaniel Vella turi illi huwa kellu każ wieħed fl-2013 illi kien jittratta l-ksur tal-kodiċi tas-sewqan. Huwa jsostni illi m'għandux iżjed każijiet pendenti fil-Qorti. Rekords tal-Jobsplus juru illi Nathaniel Vella qatt ma ħadem b'mod regolarizzat. Madanakollu, huwa jisħaq illi fil-passat ħadem bħala self-employed u illi fil-preżent jaħdem bħala Supervisor ma' kumpanija ta' l-irħam. L-aspett soċjali ta' l-imputat huwa xi ftit jew wisq limitat minħabba illi huwa għandu l-ħinijiet tar-rinkażar bħala parti mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Madanakollu, huwa jispjega kif fil-weekend huwa jieħu ħsieb l-għalqa tiegħu u li jinteressawh ħafna l-karozzi.*

***Pjan ta' kura:*** *Mill-informazzjoni miġbura l-indikazzjonijiet huma illi Vella jinsab miexi fit-triq it-tajba sabiex jirriabilita ruħu u li għandu ammont ta' sostenn li jimmotivah jagħmel dan. Huwa rrakkomandat illi Vella jibqa' f'kuntatt regolari ma' l-aġenzija Caritas u li jirregolarizza x-xogħol tiegħu sabiex ikompli jtejjeb l-ammont ta' stabbilità f'ħajtu.*

***Rakkomandazzjoni:*** *Għaldaqstant, mill-informazzjoni miġbura għall-fini ta' dan ir-rapport, qiegħed ikun umilment irrakkomandat illi f'dan il-każ din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra tinfliġġi piena li tkun ibbażata fil-komunità b'element ta' superviżjoni annessa magħha.*

Ir-rakkomandazzjoni ta' l-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler kjarament hija li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-imputat jingħata sanzjoni komunitarja li ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tista' tkun Ordni ta' Probation, Ordni ta' Servizz fil-Komunità jew Ordni ta' Probation u Servizz kif speċifikati fil-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana sabiex huwa jkun taħt sorveljanza għall-fini l-imputat jibqa' miexi fid-direzzjoni li jegħleb il-problema ta' abbuż tad-droga li għandu u li dak li rnexxielu jagħmel s'issa f'tali rigward jiġi konsolidat.

F'tali rigward il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-reati mwettqa mill-imputat u minnu ammessi, filwaqt li ċertament ta' natura serja u anke gravi, kienu kollha indotti minn u b'effett tal-problema ta' abbuż ta' droga li għandu l-istess imputat. Ikkunsidrat ukoll li l-imputat għandu Fedina Penali relattivament netta u rreġistra ammissjoni fi stadju piuttost bikri tal-proċeduri. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk tqis u tikkonsidra li f'dan il-każ is-sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni sħiħa tiegħu mill-vizzju tad-droga, liema proċess jidher li nbeda mill-imputat bil-mod il-mod imma jeħtieġ li jiġi ulterjorment avvanzat u konsolidat, u anke sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-pubbliku u tiġi evitata l-possibilità li l-imputat jwettaq reati ulterjuri.

Għalkemm it-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, liema imputazzjoni ġiet minnu ammessa flimkien ma' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha dedotti fil-konfront tiegħu, li hija fir-rigward tar-reat ta' frodi b'egħmil qarrieqi ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-aggravanti ai termini ta' l-Artikolu 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, iġorr piena ta' priġunerija minn sentejn (2) sa' disa' snin (9), il-Qorti fermament temmen li għar-raġunijiet mogħtija minnha iktar 'l fuq u fid-dawl ta' dak kollu li rriżulta mill-*pre-sentencing report* imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler, f'dan il-każ għandu japplika dak provdut fl-ewwel proviso ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta - *iżda meta fil-fehma tal-qorti jkunu jeżistu ċirkostanzi li għandhom jiġu dikjarati b'mod ċar fl-ordni, li jkunu jimmeritaw li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' probation fil-każ ta' reat li, minbarra xi żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' ħtija preċedenti, jkun punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux għaxar snin, il-qorti tista' tagħmel ordni ta' probation…*

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b)(h), 18, 20, 31, 41(1)(a), 183, 184, 261(b),(e),(f),(g), 263(a), 269(g), 270, 271(g) 278(1)(2), 281(a),(b), 308, 310(1)(a) u 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat ħati, b'ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, peress illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, kif già iktar 'l fuq osservat, is-sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni sħiħa tiegħu mill-vizzju tad-droga u anke sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-pubbliku u tiġi evitata l-possibilità li l-imputat jwettaq reati ulterjuri, ai termini ta' l-Artikolu 7 u senjatament l-ewwel proviso tas-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat taħt

Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Probation mogħti llum stess u anness ma' u formanti parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfiehem lill-imputat bi kliem li jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni hekk imposta fuqu, jew jaghmel reat iehor tul iz-zmien li tali Ordni jkun in vigore, huwa jista' jingħata sentenza ghar-reati li taghhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u d-Digriet ghall-hrug ta' Ordni ta' Probation jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u li kopja ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuq l-imputat tingħata lill-istess imputat.

Il-Qorti tastejni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat jiġi ikkundannat iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' Esperti jew Periti stante li f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda Esperti u/jew Periti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**